# San Ġorġ fil-Letteratura Maltija (4)

**Paul George Pisani**

*Ir-raba' parti ta' dan l-istudju dwar San Ġorġ fil-Letteratura Maltija ser niddedikawh lill-poeta, kittieb u patrijott Ġuże` Muscat Azzopardi.*

**Il-Kittieb**

Ġuże` Muscat Azzopardi twieled Ħal Qormi fl-1 ta' Settembru 1853. Missieru kien Franġisk Muscat u ommu kienet Ġenerosa mwielda Azzopardi. Huwa studja fis-Seminarju ta' Malta u fl-Universita` ta' Malta fejn iggradwa bħala Prokuratur Legali. Minbarra l-professjoni tiegħu, Muscat Azzopardi ddedika ħafna ħin għall-politika. Fl-1919 kien elett membru ta' l-Assemblea Leġislattiva bħala rappreżentant ta' l-istampa u tal-*Comitato Patriottico*. Kien magħżul membru tal-kumitat li ħejja l-Kostituzzjoni ta' Malta promulgata fl-1921. Fil-Parlament dejjem iġġieled sabiex il-Malti jkun rikonoxxut bħala l-lingwa uffiċċjali.

Il-Lingwa Maltija kienet il-mimmi t'għajnejh. Huwa kien ko-fundatur u President għal għomru ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum magħrufa bħala l-Akkademja tal-Malti. Huwa magħruf bħala 'Missier il-Letteratura Maltija' minħabba l-kontribut kbir tiegħu għall-għarfien u t-tixrid tat-tagħlim tagħha. Muscat Azzopardi kien pijunier fil-qasam ġurnalistiku. Kien editur ta' diversi ġurnali u perjodiċi, fosthom *In-Naħla Maltija* (1877), *Id-Dawl* (1892), *Is-Salib* (1901), u *Il-Ħabib* (1912).



*Ġuże` Muscat Azzopardi* (1853-1927)

Fil-qasam letterarju, Muscat Azzopardi kiteb kemm proża u kemm poeżija, iżda l-iktar li jibqa' magħruf għalihom, huma r-rumanzi storiċi-popolari u r-rumanzi storiċi-sagri li kiteb. Bosta minnhom, bħal *Mattew Callus* (1878) u *Toni Bajada* (1878), huma meqjusa bħala klassiċi tal-letteratura tagħna. Muscat Azzopardi qaleb ukoll uħud mill-Kotba Mqaddsa u kotba għall-użu liturġiku bil-Malti.

Muscat Azzopardi kien miżżewweġ lil Antonia mwielda Fenech u kellu sebat itfal. Tnejn minnhom, Ivo (1893 - 1965) u Ġino (1899 - 1982) huma wkoll awturi stabbiliti ta' lsienna. Ġuże` Muscat Azzopardi miet il-Belt Valletta fl-4 t'Awwissu 1927.




V. Gonzi, *San Ġorġ Qaddis Awżiljarju*, ex voto, Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, 1847

**Poeta Mirakolat minn San Ġorġ**

Bosta mill-kitbiet ta' Muscat Azzopardi jixhdu l-imħabba li kellu lejn il-patrun tal-belt li ratu jitwieled. Għalkemm għex għal bosta snin il-Belt Valletta, huwa baqa' jgħodd ruħu bħala Qormi sa l-aħħar. Bħala Qormi ma setgħetx tonqos fih l-imħabba lejn San Ġorġ. San Ġorġ huwa meqjus bħala wieħed mill-qaddisin hekk imsejħa 'awżiljarji', jiġifieri qaddisin li lejhom jirrikorru l-insara sabiex jitolbuhom jinterċedu għalihom quddiem Alla meta jkollhom bżonn xi grazzja speċjali. Muscat Azzopardi stess jistqarr li huwa ġie mirakolat minn San Ġorġ fl-1885.

Il-bijografu tiegħu, Ġuże` Cassar Pullicino, isemmi ittra ta' Muscat Azzopardi li dehret f'*Il-Ħabbar Malti* f'Diċembru ta'


IL HAJA
TA
SAN GIORG MARTRI
MIGIUBA BIL MALTI
Mil Ossr. G. Muscat Azzopardi P.L.
Mitieda u stampata il 2 tal darba
Mon-Sac. D. Luigi Vella B. L.
Direttur tad-"Devot ta Maria"

MALTA
1890

IL HAJJA
TA
S. GIORĠ MARTRI
MICTUBA BIT-TALIAN MIS-SACERDOT
ELDRADU DE-FAZY
U MAKLUBA BIL MALTI
MINN
GIUSEPPE MUSCAT-AZZOPARDI
U UABA IMZEJNA BI TLIET ZIEDIET OHRA
U POESIA LIL SAN GIORĠ
... Tu confregati capita draconis...
Is-Sultan David, fil psalm 73.
It-tielet edizioni
MALTA
Scola Tipografica tad-Dar ta S. Giusepp, Hamrun
1907

IL HAJJA
TA
S. GIORĠ MARTRI
MICTUBA BIT-TALIAN MIS-SACERDOT
ELDRADU DE-FAZY
U MAKLUBA BIL MALTI
MINN
Giuseppe Muscat - Azzopardi
...Tu confregisti capita draconis...
Is-Sultan David, fil psalm 73.
Ir-rabgha edizioni
MALTA
Tipografia tad - Dar ta S. Giusepp, Hamrun
1940.

*Il-Ħajja ta' San Ġorġ*, frontispizju ta' tliet edizzjonijiet 1890, 1907, 1940

l-1885. Fiha l-awtur jistqarr: "Din is-sena li għaddiet jiena ma ngħoddx ħlief l-ewwel tliet xhur minnha, għax id-disa' xhur l-oħra għaddejthom f'qiegħ ta' sodda bejn il-ħajja u l-mewt, u issa fl-aħħar xahar għadni bdejt nitfarfar xi ftit." Muscat Azzopardi jattribwixxi l-fejqan tiegħu minn din il-marda lill-interċessjoni ta' San Ġorġ. Fl-1886 Muscat Azzopardi stampa poeżija bl-isem *Lil San Ġorġ: 14-4-1886.* Fi tmiemha huwa jżid din in-nota awtobijografika: "F'April tas-sena 1885 kont marid għall-mewt. Jumejn fuq il-festa ta' San Ġorġ, tawni l-għodda t'Alla, u ħames tobba mill-aħjar qalu li ma kellix insebbaħ. Dak il-lejl hewdint ħafna li qiegħed nitkellem ma' San Ġorġ, u mas-sebħ għaddejt f'qagħda għall-aħjar":

*Meta kont f'dak il-hemm kollu*
*li qatt iżjed ma ninsieh;*
*maqtugħ qiesi, ruħi ħierġa*
*taħt il-qilla ta' l-uġiegħ*
*qatt ma bsart li f'dina l-art*
*nerġa' ntik tifħir u ġieħ.*

*Lilek tlabt tidħol għalija,*
*fi qdusitek ittamajt;*
*ma hewdintx meta deherli*
*li ma' ġenbi lilek rajt*
*minn qiegħ qalbi semmajt talbi*
*u l-fejqan int lili qlajt.*

Il-poeta jistqarr li huwa kien jaf li n-nies dejjem irrikorriet lejn San Ġorġ fid-diffikultajiet li tkun tinsab fihom u li t-talb tagħha dejjem ġie mismugħ, iżda huwa qatt ma basar li kellu jgħaddi huwa stess mill-istess esperjenza:-

*Għeġubijiet fil-ġrajja tiegħek*
*bil-mijiet hemm imsemmija,*
*wegħdiet kbar mid-dinja kollha*
*dejjem lilek ġew mogħtija:*
*imma bl-għaġeb għax nistgħaġeb*
*la jien rajtu magħmul fija.*

Muscat Azzopardi jsemmi mbagħad diversi episodji fil-ħajja ta' San Ġorġ li jkomplu juru l-kobor tiegħu. Isemmi kif San Ġorġ kisser l-idoli foloz mingħajr ma messhom b'idejh. Isemmi kif San Ġorġ qered id-dragun, kif kellu jbati d-diversi martirji, li minnhom kollha ħareġ rebbieħ. Wara li ruħu ttajret lejn is-sema, San Ġorġ ġie mogħti minn Alla l-Imbierek bħala difensur u avukat ta' dawk kollha li jagħżlu li jirrikorru lejn dan il-Qaddis Kbir:

*Meta mbagħad fuq ġwienaħ l-anġli*
*ruħek taret għas-smewwiet.*
*Kemm ried Alla jgħożżha tajjeb,*
*lilna wriet fil-bżonnijiet;*
*u għall-ħrara ta' l-insara*
*sa fil-gwerer tgħinhom ġiet.*

*Lilek raw nieżel minn sħaba*
*biex ilsien l-imbikkma tħoll;*
*qiegħed traddad l-irjieħ ħżiena*
*fuq Venezja rawk ukoll;*
*u mad-dnewwa ta' l-għedewwa*
*rawk teħodha bħala skoll.*

Il-poeta jispiċċa b'nota personali. Min jaf kemm erwieħ qalgħu dak li xtaqu bl-interċessjoni ta' San Ġorġ. Il-poeta jgħodd ruħu bħala wieħed minnhom u għaldaqstant iħossu fid-dmir li jfaħħar lil San Ġorġ, magħżul minn Alla u mqiegħed fl-għoli minn fejn ma jista' jniżżlu ħadd. Fi kliem Muscat Azzopardi, min jittama f'San Ġorġ jista' jaċċerta ruħu li ser jaqla' mingħand Alla l-grazzja li jkun talab:

*U min jaf kemm ħniniet oħra*
*qlajt mis-sema lill-bnedmin!*
*Kemm erwieħ warrabt mill-jasar*
*kemm farraġt qlub imnikktin!*
*Min jaf qatt kif lili rbatt,*
*kemm eluf hawn marbutin!*

*Ħalli, mela, nfaħħar ismek,*
*ħalli ngħid quddiem kulħadd*
*li min fik jittama sewwa*
*bla mismugħ ma jibqa' qatt:*
*lilek Alla fl-għoli talla'*
*li ma jniżżlek minnu ħadd!*

**Kitbiet oħra ta' Muscat Azzopardi dwar San Ġorġ**

Din il-poeżija m'hijiex l-unika li Muscat Azzopardi kiteb dwar San Ġorġ. Kull sena fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġorġ, f'Ħal Qormi kien jikteb poeżija dwar San Ġorġ, x'aktarx bit-Taljan. Ġuże` Cassar Pullicino jsemmi li Muscat Azzopardi kiteb żgur żewġ poeżiji ddedikati lil San Ġorġ fl-1881, oħra fl-1882 u dik li semmejna fuq ta' l-1886.

L-ewwel ktieb li Muscat Azzopardi stampa bil-Malti fl-1874, meta kellu biss wieħed u għoxrin sena kien *Il-Ħajja ta' San Ġorġ.* Dan kien traduzzjoni tal-ktieb li Dun Eldradu De Fazy kiteb bit-Taljan, u li hu kien qaleb mill-Franċiż ta' Jean Darche. Dan il-ktieb kien ippubblikat tliet darbiet oħra. It-tieni edizzjoni ġiet ippubblikata fl-1890 minn Monsinjur Luigi Vella, direttur tad-*Devot ta' Marija.* Fit-tielet edizzjoni ta' l-1907, Muscat Azzopardi żied tliet żidiet oħra flimkien ma' poeżija: *Il-Qriema lill-Imqaddes Martri San Ġorġ,* li fiha jispjega kif San Ġorġ huwa kollox għall-Qormin, lejh jirrikorru fit-tbatijiet tagħhom, iżejnu isem uliedhom b'ismu, għalih jagħmlu kollox, u jittamaw li għad jiltaqgħu miegħu fis-Saltna tas-Smewwiet. Ir-raba' edizzjoni ta' dan il-ktieb ħarġet diversi snin wara mewtu, fl-1940.

F'din il-kitba rajna kif Ġuże` Muscat Azzopardi rabat ismu ma' San Ġorġ. Missier il-Letteratura Maltija wkoll ħass li b'kitbietu kellu jfaħħar il-Megalomartri San Ġorġ, l-istess kif għamlu bosta kittieba oħra tal-letteratura tagħna.■